# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN



*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail:* ***kappellimaltihbieb@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***



Jannar 2022 Ħarġa Nru 18



**Kumitat 2020**

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Leonard Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb


## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Nibda biex nawgura lilkom, il-Membri, u ħbieb oħra tal-Għaqda, sena ġdida mimlija saħħa, risq, paċi u trankwilità.

Kif ħabbarna fil-ħarġa ta' Diċembru, l-Għaqda organizzat ħarġa fil-lokalità tan-Naxxar fejn bil-mixi żorna l-kappelli tal-Vitorja, dik tà Santa Luċija, li t-tnejn jinsabu biswit xulxin, u dik tà San Ġwann l-Għammiedi. Is-sur Pawlu Catania, storiku magħruf tal-lokal, mexxa l-grupp mdaqqas, għalkemm it-temp ma kienx wisq tajjeb. Aktar tagħrif fuq l-istorja u ritratti se jiġu mtellaa fil-ħarġa ta' Frar 2022.

Għal Jannar, l-Għaqda qed taħdem biex ikollna attività oħra, din id-darba fiż-Żejtun. Imma billi t-taħdidiet għadhom għaddejjin mar-rappreżentanti taż-Żejtun, dak li se jiġi deċiż tiġu nfurmati b'ċirkolari.

F' Jannar se tinżamm ukoll il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Aktar informazzjoni tirċievuha b'ċirkolari wkoll.

Nisperaw li s-sena l-ġdida tkun aktar ħanina magħna ħalli nkunu nistgħu norganizzaw aktar attivitajiet għalikom il-membri, u għal dawk il-ħbieb li jkunu jridu jiġu magħna.

Tislijiet, u narawkom

N. Gingell

*Għal Kumitat*

## ATTIVITA'

ŻJARA FIL-LOKALITA TAŻ-ŻEJTUN BIL-KOLLABOROZZJONI TA' WIRT IŻ-ŻEJTUN GĦAL NHAR IL-ĦADD 23 TÀ JANNAR 2021.

TIRĊIEVU AKTAR DETTALJI F'ĊIRKULARI M'GĦAND IS-SEGRETARJU.



# KAPPELLA SANTA KATARINA TA' LIXANDRA, MQABBA

F' Malta, il-Kult ta' Santa Katerina kien diġa stabbilit sewwa sal-1436. Minn rapport li kien sar fuq talba tal-Isqof Mello, kien hemm tnax-il knisja dedikati lil din il-qaddisa, bl-ewlenin fosthom dawk taż-Żejtun u taż-Żurrieq. Knejjes bl-istess titlu kienu f' Birkirkara, l-Gudja, ir-Rabat, in-Naxxar, Ħal-Qormi u l-Belt Valletta.

L-Imqabba huwa raħal antik fin-nofs-in-nhar ta' Malta. Jinstab qrib iż-Żurrieq, Ħal-Kirkop, Ħal-Luqa u l-Qrendi. Fid-29 ta' Mejju 1592, l-Isqof Gargallo ddikjara l-Imqabba parroċċa b' dedika lit-Tlugħ is-Sema tal-Madonna. Nafu li f' dan ir-raħal, dak iż-żmien kien hemm tmien knejjes żgħar. Erbgħa kienu dedikati lil Assunta, waqt li l-erbgħa l-oħra kienu dedikati lil San Mikiel, San Bażilju, Santa Katerina u San Pietru. Minn dawn fadal biss waħda tal-Assunta, li illum hija l-knisja parrokkjali, u dawk ta' San Mikiel, San Bażilu u Santa Katerina.

Għall-bidu jidher li l-kinisja kienet żgħira u nieqsa minn ħafna affarijiet. Għalkemm d-devozzjoni lejn il qaddisa qatt ma naqset, jista jkun li l-fidili kien ikollhom imorrru ż-Żurrieq għall- ħtiġijiet spiritwali. Nafu li l-knisja anqas rettur ma kellha, għalkemm għal xi żmien ċertu Marjanu Hajus kien jixgħel il-lampier u jagħmel il-festa bil-għasar u quddies, mid-dħul ta' għalqa li kellu f' tal-Ħandaq.

Fl-1634, l-Isqof Pontremoli kiteb li f' din il knisja sab artal tal-ġebel, gandlieri, salib, ikona ta' Sant' Andrija u ikona ġdida ta' Santa Katerina. Mid-dehra dak iż-żmien il kappella ma kien jonqosha xejn. Iżda fl-1759 kienet f'kundizzjini ħażina ħafna. Ġie ordnat li titwaqqa' flimkien mal-knisja ta' San Pietru li kienet qribha. Il-ħsieb kien li flokhom tinbena knisja waħda dedikata liż-żewġ qaddisin.

Il-knisja tinstab fi pjazza erba' passi bogħod mill parroċċa. Dik li naraw illum bdiet tinbena minn Ġanni Schembri fl-1769. Taħt l-ewwel ġebla tpoġġew relikwi ta' San Kandidu, Sant' Anjese u Santa Kolumba flimkien ma' medaljun ta' San Pietru u San Pawl. It-tqegħid tal-ewwel ġebla ġie mbierek mill Kappillan Dun Mikiel Giacomo Tortella. Damet tinbena għaxar snin. Meta tlestiet ġiet ikkonsagrata mill- istess kappillan u dedikata lil Santa Katerina u San Pietru.

Minn barra il-knisja għandha forma kwadra, b'pilastri stil rinaximentali f'kull kantuniera li jitilgħu sal-friż. Għandha bieb wieħed u fuqu hemm pediment segmentali maqsum. Fuqu hemm tieqa kbira biex id-dawwal ġewwa. Tidher ukoll il-koppla fuq tanbur ottagonali u fuq din il-lanterna. Fuq il-kantuniera tax-xelluq insibu kampnar li jidher li nbena ħafna wara il tlestiet il knisja.

Minn ġewwa l-knisja għandha forma tonda. Għandha skultura sabiħa speċjalmet il-gwarniċun tat-twieqi li jinsabu fil-ħitan tal-ġenb. Għandha artal wieħed tal-ġebel, li huwa miżbugħ donnu rħam. Fuq l-artal hemm pittura ta' artist mhux magħruf. Il-kwadru, li qiegħed fi prospettiva skulturata u sabiħa, juri iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina. Jidhru wkoll il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha, kif ukoll San Ġwann l-Evanġelista. Wara Santa Katarina tidher mara qed tit-lob tħares lejn il-Madonna. Fuq nett tidher ħamiema li tissimbolizza l-Ispirtu S-Santu. Ħaġa kurjuża kif ma jidhirx kwadru ta' San Piteru meta l-knisja hija dedikata wkoll lil San Pietru. Fuq il-lemin isfel tidher id-data "1776", aktarx meta sar il-kwadru.

Qabel, dinil-knisja kienet tintuża ħafna. Kienu jsiru purċissjonijiet penitenzjali mill-parroċċa fl-ewwel tas-sena u f'Corpus. Kienu jżuru l-knejjes żgħar tal-parroċċa u wara tingħata l-barka sagramentali. Barra dan kienu jiġu ċċelebrati l-festi ta' San Pietru u Santa Katarina bl-għasar u quddiesa kantata.

Fit-tieni gwerra dinjija l-knisja parrokkjali tal-Imqabba ntlaqtet mill-bombi. Għaldaqstant kellhom jużaw il-knisja ta' Santa Katerina biex jerfgħu xi armar. Iż-żminijiet inbidlu iżda din il- knisja baqgħet tintuża hekk.

Il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna. Tintuża xi kultant għal xi laqgħat reliġjużi. Xi snin ilu, grazzi għall-Kunsill Lokali, kien sar xi restawr fuq barra tal-knisja. Hija ħasra li tinsab magħluqa. Għall-inqas imissu jinbet il-ħsieb li ssir mużew tal-affarijiet tal-knisja li llum m'għadhomx jintużaw.

***Kitba ta' Louis Fenech*.**

*Din ik-**kitba saret fuq riċerka minn** diversi kotba, artikli u mill-Internet.*

# KAPPELLA SANTA KATARINA TA' LIXANDRA, MQABBA








KAPPELLA TA' SANTA KATARINA
MIBNIJA MINN ĊANNI SCHEMBRI FL-1761
FUQ IS-SIT TAL-KAPPELLA
TA' SAN PIETRU U TA' SANTA KATARINA
ST. CATHERINE CHAPEL
ERECTED IN 1761 BY ĊANNI SCHEMBRI
ON THE SITE OF TWO FORMER CHAPLES

*Perspettiva tal-artal ewlienu u t-titular*





*Titular : iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina - 1776*
*skola ta' Francesco Zahra*

## KNISJA TA' SAN LEONARDU LI KIENET TEŻISTI F'BULEBEN

Il-Malti jgħid "Kull deni ħudu b'ġid". Il-każ tal-proposta ta' estensjoni taż-żona industrijali f'Buleben, fiż-Żejtun, serviet ta' spunt importanti għall-Wirt iż-Żejtun sabiex tistudja aktar mill-qrib din iż-żona li darba kienet fewdu importanti ħafna u sinjura fil-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba'. Fil-fatt l-isem stess Bu-Laben ifisser art il-ħalib. Il-Malti wkoll kellu proverbju marbut ma' dawn l-inħawi – *Mela ħsibtni minn ta' Buleben?!* meta kien jirreferi għal xi ħadd tat-tajjeb.

Il-jiem ta' matul ix-xahar ta' Frar li għadda nistgħu ngħidu li kienu l-aktar eċċitanti minn kemm ilha mwaqqfa l-għaqda Wirt iż-Żejtun. Ma ħallejniex it-tensjoni tiġri bina, iżda minflok għarafna kif mill-informazzjoni li bdejna niġbru minn għand in-nies, mill-inħawi ta' Buleben u saħansitra minn barra ż-Żejtun, kif ukoll minn riċerka li wasslitna wkoll fl-arkivji tal-Biblioteka, għamilna sejbiet ta' interess kbir, tant li kienu l-punt ewlieni biex il-pjanijiet li kien hemm ġew irtirati. Waħda mill-isbaħ sejbiet li għamilna kienu l-inħawi li fiha kien hemm knisja ddedikata lil San Leonardu.

Il-kult ta' San Leonardu f'Malta jinsab mifrux f'diversi nħawi tal-gżejjer tagħna u għandna saħansitra parroċċa ddedikata lil dan il-qaddis, dik ta' Ħal Kirkop. Kien proprju s-Sur Kenneth Cassar, ħabib u kollega tiegħi minn dan ir-raħal li ġibidli l-attenzjoni għal riċerka li ppubblika is-sena l-oħra fil-ktieb tal-festa ta' l-Għaqda Mużikali San Leonardu. Din ir-riċerka tagħmel referenza għal diversi visti pastorali li saru matul iż-żminijiet, b'uħud minnhom tradotti għall-Malti mill-Professur Horatio Vella. Waħda mill-visti pastorali li ssir referenza għaliha hija dik li saret minn Mons. Pietro Dusina fl-1575. F'din iż-żjara, Mons Dusina jsemmi knisja rurali ddedikata lil San Leonardo li kienet mibnija fil-fewdu tal-Gran Mastru. Kellha artal wieħed, bla bibien, bla rettur, mingħajr ebda dħul u bla ebda dekorazzjoni. Jidher li kienet knisja fqira ħafna. Il-festa ta' dan il-qaddis f'din il-knisja kienet tiġi ċċelebrata, darba mill-Parroċċa ta' Santa Katarina u s-sena ta' wara mill-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ. Waqt iż-żjara tiegħu, Mons. Dusina wissa lill-Gran Mastru biex jieħu ħsieb din il-knisja.

Xi snin wara, l-Isqof Baldassare Cagliares, waqt iż-żjara pastorali tiegħu jikteb li din il-knisja kienet ġiet idekonsagrata fl-1615 u jsemmi li din il-knisja kienet tinsab fl-inħawi magħrufa bħala *"Tal-Qassasa ta' Buleben"*.

F'pubblikazzjoni oħra, *"Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610 – 2010"*, ippubblikat mill-Parroċċa tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, Mons. Vincent Borg jagħtina aktar dettalji dwar din il-knisja. Huwa jirreferi għall-atti tal-vista pastorali tal-1600 fejn jingħad li ċertu Ġanni Sammut mill-Birgu kien jieħu ħsieb din il-knisja. F'din iż-żjara pastorali, din il-knisja kienet imniżżla mal-kumplament tal-knejjes rurali tal-Parroċċa ta' Santa Katarina. Jissemma' wkoll li quddiem din il-knisja kien hemm ċimiterju u li kien hemm devozzjoni kbira lejn din il-knisja b'mod partikulari minn dawk li xi darba sofrew l-iskjavitu'. San Leonardu kien il-qaddis protettur tal-iskjavi.

Wara li sirna nafu b'din l-informazzjoni dwar din il-knisja u l-lok li ssemma', xogħolna kien li minn fuq il-mapep, kemm antiki kif ukoll dawk aktar riċenti, nippruvaw niddentifikaw fejn setgħet kienet mibnija din il-knisja. Fil-fatt, fuq mapep tas-Seklu sittax u oħrajn tal-bidu tas-Seklu sbatax, il-Knisja ta' San Leonardu tidher immarkata b'certa importanza u għalkemm ma hemm ebda referenza għall-isem tal-post, din tidher fuq għolja bejn Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u Ħal Tarxien. Meta studjajna pjanti aktar riċenti, l-Ordinance Survey Sheets tal-1968, sibna post immarkat u msemmi "It-Taqsisa". Din iż-żona mhix mibnija u tinsab faċċata tal-fabbriki matul Triq il-Merħla u madwar 250 metru 'l bogħod minn kumpless ta' rziezet mibnija mill-Gran Mastru Perellos, li kumbinazzjoni skoprejna ftit jiem qabel.

Meta wieħed jistudja l-ismijiet tal-postijiet jara li hemm xebħ kbir bejn "il-Qassassa" u "it-Taqsisa". Hemm l-istess għerq fiż-żewġ ismijiet u li aktarx qed jagħmlu referenza għall-istess sengħa.

Kien imiss li nżuru u nfittxu f'dawn l-inħawi għal xi ħjiel, jekk kien fadal, ta' din il-knisja. Sibna struttura li d-dehra tagħha mill-ewwel ġibditilna l-

## KNISJA TA' SAN LEONARDU LI KIENET TEŻISTI F'BULEBEN

attenzjoni għaliex kienet tixbaħ sew lil struttura ta' kappella rurali. Sibna l-bidwi u stajna nidħlu biex biex narawha aktar mill-qrib. Għalkemm il-metodologija ta' kostruzzjoni u d-daqs tal-ġebla jistgħu jagħtu ħjiel ta' binja antika ħafna, din l-istruttura hija żgħira wisq biex tista' tkun knisja. Il-bidwi qalilna li fiha kien hemm niċċa ddedikata lill-Madonna.



L-għelieqi tal-inħawi

Mill-ħamrija ta' madwar din l-istruttura ġbarna xi biċċiet tal-fuħħar li sibna fil-wiċċ u minn analiżi preliminarja jidher li xi wħud mill-biċċiet kienu ta' żmien l-Ordni. Żgur li dawn l-għelieqi jeħtieġ jiġu studjati aktar bir-reqqa u possibilment isiru xi skavi arkeoloġiċi biex naraw jekk il-binja li għad hemm tistax tkun parti mill-Knisja ta' San Leonardu, jew jekk għadx hemm xi fdalijiet minn din il-knisja moħbija taħt il-ħamrija. Li hu żgur, hu l-fatt li f'dawn l-inħawi kienet teżisti knisja li qatt ma smajna dwarha qabel. Għalkemm li l-kult ta' San Leonardu fiż-Żejtun ma nsibuh imkien, irridu ngħidu li fil-knisja parrokkjali ta' Ħal-Tarxien hemm artal iddedikat lil dan il-qaddis.






Mappa antika li tindika il-kappella ta' **S. Leonardo**




Ordinance Survey Sheets tal-1968

*Kitba u Ritratti: Perit Ruben Abela, President ta' Wirt iż-Żejtun*

# TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba ta' Martin Morana*

**ARKITRAV** Il-blata, jew il-filata wiesgħa u mimduda fit-tul tagħha li tistrieħ fuq il-kapitelli u l-frontispizju, u li taqsam min-naħa għall-oħra tal-faċċata tal-knisja




.

## ARZELLA



Arkata (mit-Taljan *arcella*). Dan it-terminu jużah E.B. Vella (1930) biex jiddiskrivi s-soqfa ddekorati li jinsabu quddiem il-kappelli tal-ġnub tal-knisja tal-Mosta.

## BAROKK/A, ARKITETTURA



It-terminu Barokk/a jirriferi għal stil ta' arkitettura li nħoloq u żviluppa fis-seklu sbatax, u li f'Malta baqa' popolari anki sas-seklu għoxrin. F'Malta, l-arkitettura Barokka kienet użata għall-ewwel darba fl-1638, meta Francesco Buonamici ddisinja l-**Knisja tal-Ġiżwiti** fi Triq il-Merkanti, il-Belt. Fl-arkitettura Barokka, il-kolonni fi stil klassiku huma komuni, u dekorazzjonijiet ta' weraq, arzell, skrolli, figuri umani, bħal-putti, huma rikorrenti. Kien hawn bosta periti li ħadmu fuq dan l-istil, bħal pereż., Lorenzo Gafà, Romano Carapecchia, Francois De Mondion u oħrajn. Fl-1661, Mattia Preti, pittur u perit artistiku, biddel il-ġewwieni tal-knisja konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann minn waħda sempliċi għal kapulavur ta' stil Barokk. L-arkitettura Barokka wara ftit infirxet ma' Malta u Għawdex kollha. It-terminu ġej minn *barroco,* kelma Portugiża li tfisser *perla ineguale*.

***Jitkompla f' ħarġiet oħra***